**QORTI CIVILI**
**SEZZJONI TAL-FAMILJA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 25 ta' Gunju, 2021**

**Mandat Nru: 81/2021/2 AF**

**Marika Farrugia**

**vs**

**Pierre Farrugia**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors.

Rat id-dokumenti.

Rat id-digriet precedenti.

Rat ir-risposta u d-dokumenti maghha annessi.

Semghet lid-difensuri.

Rat li r-rikors thalla sabiex jigi degretat *in camera*.

Rat l-Art. 873 tal-Kap. 12 u l-gurisprudenza relatata.

Qieset ir-rekwiziti kumulattivi tal-ligi.

Tinnota illi l-ishma tar-rikorrenti fis-socjetajiet mertu tal-mandat huma inkontestati. Jidher mad-daqqa t'ghajn illi s-sottoskrizzjoni ta' ishma godda fis-socjetajiet ser ikollha effett fuq il-valur ahhari tal-ishma ezistenti tal-istess socjetajiet, dan sakemm ma jigux rispettati principji u kundizzjonijiet li ezami taghhom imur ferm oltre mill-iskop ta' din il-procedura. Il-fatt li bhalissa r-rikorrenti ma tezercita ebda parti fit-tregija tas-socjetajiet jibqa' irrelevanti fil-kuntest tal-mandat li huwa ntiz ghall-protezzjoni tal-valur ta' hwejjigha.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' definittivament it-talba ta' Marika Farrugia kif kontenuta fir-rikors taghha tat-3 ta' Mejju 2021.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali fil-kawza fil-mertu.

IMHALLEF